MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' April, 2007

Numru. 360/2007

Il-Pulizija
(spettur Ian Joseph Abdilla)
vs
Mohamed Zouali

Illum 22 ta' April 2007

*Kumpilazzjoni numru 360/2007*

IL-QORTI

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli nhar il-Hamis 19 ta' April 2007 ghal habta tad-disgha u nofs ta' fil-ghaxija, f'Wied il-Ghajn u f'positjiet ohra gewwa dawn il-gzejjer:

a) Mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus huma ta' valuta Euro meta kien jaf li kienu falsifikati;
b) Talli fl-istess data, lokalitajiet, u cirkostanzi minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew

ragonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus ta' valuta Euro falsifikati meta kien jaf li l-istess huma falsifikati;
c) Talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex jaghmel titwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qligh b'qerq ta' LM420.00 ghad-dannu tal-lukanda Cervjola li tinsab gewwa Wied il-Ghajn u dan ghad dannu tas-sidien tal-istess lukanda.
d) Talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi xjetement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ixexxihom jew ibieghhom.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni biex f'kaz ta' htija barra milli tinfliggi l-piedi stabbilita tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu jammetti l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu;

Issib lill-akkuzat hati talli nhar il-Hamis 19 ta' April 2007 ghal habta tad-disgha u nofs ta' fil-ghaxija, f'Wied il-Ghajn u f'positjiet ohra gewwa dawn il-gzejjer:

1. Mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus huma ta' valuta Euro meta kien jaf li kienu falsifikati;
2. Talli fl-istess data, lokalitajiet, u cirkostanzi minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna kif ukoll kellu fil-pussess tieghu biljetti tal-flus ta' valuta Euro falsifikati meta kien jaf li l-istess huma falsifikati;
3. Talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex jaghmel titwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qligh b'qerq ta' LM420.00

ghad-dannu tal-lukanda Cervjola li tinsab gewwa Wied il-Ghajn u dan ghad dannu tas-sidien tal-istess lukanda.
4. Talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi xjetement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ixexxihom jew ibieghhom.

Rat l-artikolu 45 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat l-artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat l-artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In rigward piena, wara li l-Qorti semghet li-prosekuzzjoni kif ukoll kif jidher mill-istqarrija tal-akkuzat, li l-istess akkuzat pjenament ikkollabora mal-pulizija fl-invesitgazzjonijiet ta' dan il-kaz;

Rat l-ammissjoni bikrija fil-bidu ta' dawn il-proceduri mill-istess akkuzat;

Tara li ghandha tinfliggi piena ta' prigunerija skond il-ligi b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u minhabba c-cirkostanzi tal-kaz ghandha tapplika Artikolu 21 tal-kapitolu 9.

Tikkundanna lill-akkuzat ghal sentejn (2) prigunerija, sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin bil-kundizzjoni li l-akkuzat ma jikkommettix reat iehor, suggett ghal prigunerija, fl-istess perjodu.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzat l-implikazzjonijiet ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li l-atti jingbiebu a konjizzjoni tal-Avukat Generali fi zmien skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------